MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 188/2000/1

**Sandro Darmanin**

**vs**

**Roberta Darmanin**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur u l-konvenuta zzewgu fis-7 ta' Dicembru 1991 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. "SD1";

Illi l-kunsens tal-konvenuta ghaz-zwieg imsemmi kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha li, kif ukoll jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza,

ghamlitha mpossibbli ghall-istess konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tas-7 ta' Dicembru 1991 fuq imsemmi kien null u nvalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 5 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tal-31 ta' Ottubru 2002 a fol. 18 fejn gie eccepit:

1. Illi filwaqt li hemm ragunijiet sufficjenti skond il-ligi li jirrendu z-zwieg ta' bejn il-kontendenti wiehed null u minghajr ebda effett fil-ligi, dan pero` minhabba ragunijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attur u kwindi l-eccipjenti m'ghandha ssofri ebda spejjez.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 19 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-31 ta' Ottubru 2000; ta' l-14 ta' Frar 2001 fejn Dr. Aaron Mifsud Bonnici talab li jinnotifika lill-konvenuta wara l-hinijiet legali u l-Qorti laqghet it-talba; u tal-15 ta' Gunju 2001;

Rat ir-rikors ta’ l-attur tad-19 ta’ Novembru 2001 fejn talab sabiex tithassar it-tieni premessa;

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-20 ta’ Novembru 2001 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat l-avviz tal-15 ta’ April 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace;

Rat il-verbali tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tas-16 ta’ Ottubru 2002; tad-9 ta’ Jannar 2003 fejn il-kawza giet differita ghall-lum ghas-sentenza u l-Qorti tat il-fakolta` lill-attur sabiex jipprezenta n-nota ta’ osservazzjonijiet;

Rat in-nota ta’ l-attur ta’ l-14 ta’ Novembru 2002 fejn permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess;

Rat in-nota tal-konvenuta u l-affidavit taghha ta’ l-24 ta’ Settembru 2003;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### i) <u>PROVI PRODOTTI.</u>

Illi fl-affidavit tieghu stess, l-**attur** jghid:-

*“Illi nghid illi jien iltqajt ma’ Roberta Busuttil madwar sittax-il sena ilu meta jien kelli madwar hmistax-il sena. Nghid li Roberta kellha wkoll hmistax-il sena. Nghid illi sa minn meta jien bdejt nohrog ma’ Roberta li minn dejjem kienet iggib ruhha b’mod stramb fis-sens illi tista’ tghid kienet iggib ruhha ta’ tifla zghira u d-decizjonijiet, anki dawk importanti, ma kenitx toqghod tahseb hafna fuqhom izda kienet taqbad u taghmel li jfettilha minghajr ma tevalwa l-konsegwenzi. Fil-fatt anki meta ddecidejna ii nizzewgu*

*kollox kien gara habta u sabta. Wara xi erba' snin u nofs li Roberta u jien bdejna nohorgu flimkien din kienet giet tghidli li kuginuha li kien jismu Edwin Busuttil u li kien joqghod fi flat tal-Gvern kien ser jitlaq minn dan il-flat. Hija kienet issuggerietli li kieku ahna nizzewgu ahna stajna niehdu l-flat flok kuginuha. Sabiex tilhaq dan il-ghan Roberta organizzat iz-zwieg taghna fi flit xhur biss ghaliex kieku ma zzewwignix u dhalna noqoghdu fil-flat fi zmien sitt xhur konna nitilfuh. Ghal din ir-raguni jien u Roberta izzewwigna nhar is-7 ta' Dicembru tas-sena 1991 fl-eta' ta' ghoxrin sena.*

*Illi mal-mument li zzewwigna jien komplejt nikkonferma l-karattru immatur ta' Roberta. Fil-fatt nghid illi rigward flus Roberta qatt ma kienet ta' min jafdaha. Nghid illi qabel ma zzewwigna Roberta kienet tahdem gewwa fabbrika. Malli ddecidejna li nizzewgu Roberta gabet din l-iskuza sabiex hi tieqaf tahdem. Fil-fatt nghid illi raguni ohra ghaliex Roberta riedet tizzewweg kienet sabiex hija ma tibqax tahdem ghaliex kienet imdejqa fuq xogholha. Ghalhekk mal-bidu taz-zwieg ahna konna spiccajna nghixu fuq dak li naqla` jien biss. Nghid ukoll li Roberta ma kenitx kapaci tiehu hsieb hi stess il-flus u ghalhekk kont niehu hsieb kollox jien. Meta jien kont inkun imsiefer kien ikolli ta' bil-fors nibghat lil Roberta l-bank u sabiex naghmel hekk kont niktbilha kollox fuq karta ghaliex inkella ma kenitx tkun taf xi trid taghmel. Ghal dawn l-affarijiet Roberta kienet tiddependi kollox fuqi ghaliex hi bil-kemm taf tikteb u taqra. Nghid anzi li anki jekk hi taf ftit tikteb u taqra hi tant hija ghazziena li lanqas tipprova tapplika dak li taf. Nghid ukoll illi Roberta ma kenitx taf tikkontrolla.*

*Illi l-flus u fil-fatt jien kien ikolli nitrattha qisha tifla zghira ghaliex inkella konna nispiccaw minghajr flus. Minhabba f'hekk jien kien ikolli noqghod attent li ntiha l-flus ftit ftit darba kull gimgha u kont irrid noqghod attent li ma tonfoqhomx fuq affarijiet mhux bzonnjuzi. Anki rigward it-telefon, Roberta kienet ittella' kontijiet tat-telefon gholjin hafna kull xahar tant li jien ma bdejtx inlahhaq ma' l-ispejjez li kienet qed taghmel. Jien ma nafx x'kienet toqghod taghmel granet shah fuq it-telefon. Kien minn*

*hawnhekk li jien bdejt nissuspetta li Roberta kellha lil xi hadd iehor.*

*Illi Roberta kienet ukoll spiss tohrog waheda anki wara li ahna kellna t-tfal. Sahansitra anki meta jien kont inkun marid u ma niflahx niehu hsieb lili nnifsi ahseb u ara t-tfal hija kienet tohrog u thallini niehu hsieb it-tfal wahdi.*

*Illi nghid ukoll illi sa minn meta zzewwigna Roberta qatt ma ghamlet xejn id-dar. Id-dar qatt ma kienet tnaddafha allavolja ma kenitx tahdem u kull ma kienet taghmel kienet tara t-television jew tohrog iddur il-Belt. Anzi nghid illi malli zzewwigna Roberta bdiet tghid illi hi riedet maid sabiex tghinha fid-dar u fil-fatt kienet il-maid li kienet taghmel kollox. Nghid izda li Roberta spiss kienet ukoll tiggieled mal-maid u taghmel xhur shah ma tkellimhiex imbaghad terga' tghidilha biex tigi.*

*Illi fil-fatt Roberta minn dejjem kienet tagixxi b'mod stramb hafna. Hija kienet tghid hafna hmerijiet u kienet tigdeb hafna. Fil-fatt nghid li ma kenitx tghid gideb li jitwemmen izda kienet tghid affarijiet li kienu jkunu manifestament inveritieri bhal per ezempju, jien kont nara li Roberta tkun harqet it-tagen u meta jien nghidilha li ghamlet hekk hi kienet tghidli li mhux vera anki jekk it-tagen kien ikun quddiem ghajnejja mahruq. Nghid izda li hi kienet tipretendi li dak li jkun jemminha.*

*Illi nghid ukoll li jien kont insibha difficli sabiex nitkellem ma' Roberta ghaliex hi ma kenitx tifhem dak li jien kont nghidilha. Nghid li jien kont wasalt f'sitwazzjoni li kont nippreferi ma nitkellem xejn maghha u naqbad u nitlaq il-barra mid-dar.*

*Illi kien ukoll gie zmien fejn Roberta dahhlitha f'mohhha li jien kelli lil xi hadd iehor u ghalhekk kull meta kont immur lura d-dar din kienet taqbadli xi argument fuq hekk. Jien kont nghidilha li kien kollox frott ta' l-immaginazzjoni taghha izda hi kienet tibqa` sejra biha.*

*Illi nghid illi wara sitt snin mizzewgin darba minnhom jien mort lura d-dar u Roberta bdiet tiggieled mieghi ghaliex*

*dahhlitha f'mohha li jien kont qed nohrog ma' tfajla li kienet tahdem mieghi. Jien ghidtilha li dak li kienet qed tahseb ma kienx minnu izda hi kienet qabdet u keccietni l-barra minghajr ma hasbet fiz-zewgt it-tfal li kellna u li dak iz-zmien kellhom hames snin u sena rispettivament. Wara din ix-xenata kollha u wara li tefghet lili f'nofs ta' triq saghtejn wara cemplitli biex nerga' mmur id-dar. Nghid izda li jien kont hassejtni mwegga' hafna u ma kontx fi stat li nerga' mmur lura d-dar. Fil-fatt din ma kenitx l-ewwel darba li hija keccietni mbaghad nerga` mmur lura minhabba t-tfal. Izda l-attitudni taghha ta' tifla zghira u ta' persuna li ma kenitx lesta li terfa' r-responsabbilta' bhal kull persuna mizzewga bit-tfal qatt ma nbidlet tant illi jien ma flahtx aktar nghix maghha. Nghid izda li Roberta qatt ma nsistiet wisq sabiex jien nerga' lura d-dar tant illi l-ahhar darba li hi keccietni ikkuntatjatni l-ghada izda mbaghad ma regghetx kellmitni u flit wara bdiet tohrog ma' ragel iehor.*

*Illi nghid illi l-problema ta' Roberta kienet illi qatt ma accettat li mara mizzewga ghandha jkollha certu responsabbiltajiet. Hi riedet li tibqa` tagixxi daqs li kieku ma kenitx izzewget u kien ghalhekk li hi kienet tiggieled mieghi mill-anqas ghaxar darbiet kuljum fuq cucati li lanqas temmen li wiehed jiggieled fuqhom. Meta kienet taqbad tiggieled jien kont nghidilha sabiex ma taghmilx xenati quddiem it-tfal sabiex ma jigux influwenzati hazin izda hi aktar kienet taghmel u tiggieied quddiemhom qisom ma jezistux. Fil-fatt nghid illi kienet l-immaturita' ta' Roberta li ddominat iz-zwieg taghna u li wassal sabiex iz-zwieg taghna qatt ma seta' jirnexxi."*

Rat l-affidavits tal-konvenuta u ta' Elaine Micallef (a fol. 27) tal-process.

## (I) PRINCIPJI LEGALI.

### (i) DIFETT SERJU TA' DISKREZZJONI TA' GUDIZZJU.

Illi l-**artikolu 19 (1) (d)** jittratta dwar difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. B'dan il-legislatur ma' riedx ifisser sempliciment kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti

jew l-ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku kien rikjest maturita' shiha u perfetta, ftit jew xejn ikunu validi z-zwigijiet li jigu ccelebrati.

Illi n-nuqqas tad-*discretio iudicii* huwa kuncett guridiku, intrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra li taghti kunsens liberu u xjenti ghall-komunjoni tal-hajja li ser titwieled biz-zwieg. (vide **"Angela Spiteri nee Selvaggi vs Joseph Spiteri"** P.A. 4 ta Novembru 1994).

Illi l-Qorti f'dik is-sentenza li *ormai* saret pacifika fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, irriferiet ghall-guristi u gurisprudenza Kanonika rigward dan il-kap ta' nullita' fis-sens li :-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus … richiede una capacita' intellettuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, riechiede quindi, una integrita' di mente e di liberta', dato che si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita". (***Colagiovanni** – **Forum 1990**, *Vol I pt. 1 pg.72).*

Illi pero' kif inghad, b'immaturita' jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u gurisprudenza:-

*"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita', non esigono nei nubenti una conocienza perfetta ed esaustiva di cio che comporta il matrimonio, non richediedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo – affettivo, ne' infine, una conoscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l'uso del termine 'dicrezione di giudizio" che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena"* (***Pompedda M.F***. **"Il Consenso Matrimoniale" "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova,1984 p 46).

Illi l-Qorti fis-sentenza fuq citata addottat id-definizzjoni ta' ***Bersini*** fis-sens li d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdependenti u cjoe`:-

- *La piena avvertenza*

- *Il deliberato consenso.*

*"La piena avvertenza" si riferisce alla sfera intellettiva, "il deliberato consenso " a quella volitiva." ……*

*"La discrezione di giudizio comprende la maturita di gudizio e la maturita' affettiva ……… la maturita' di gudizio comporta una consoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro".*

*"La maturita affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita, che se sono turbati o inadeguati, intaccano direttamente la volonta e' possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero (immaturita affettiva) e ponderato (immaturita di gudizio)". (****Bersini F.*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale".** Torino. 1994 p. 97).

Illi skond l-istess awtur, il-grad ta' maturita' mitlub *"e' la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano".*

Illi fil-kliem ta' awtur iehor, ***Viladrich*** *"the discretion of judgment refers to the degree of maturity of comprehension and of the will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through the juridical bond, in unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation*

*and education of the offspring”.* (***Viladrich , P.J.*** **“Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated “** (Monteal, (1993) pg. 686.)

Illi l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **“Janet Portelli vs Victor Portelli”** addottat id-definizzjoni tal-gurista kanoniku ***Davino*** u osservat is-segwenti:-

“*It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking if any one of the following three conditions or hypotheses is verified:*

*When sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; When the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection apt for the nuptial; Or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, the capacity to deliberate with sufficient weighing other motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within.”* (Kwotazzjoni mehuda mid-decizjoni tat-Tribunal Ekklesjastiku ta’ Malta tal-11 ta Mejju 1990 **Coram Bajada. Forum 2 (1991)** pp 173-174).

Illi tajjeb ukoll li jigi osservat li anke fil-Ligi Kanonika jinghad li:-
*“Modern jurisprudence is not satisfied with the level of judgment which merely allows a person to recognise the rights and duties of permanence, fidelity and possible parenthood. The person must be able affectively to appreciate that what is implied in a life-long communion of life and love for marriage is for the good of married persons. Whilst the law restricts the right to marry to persons above a certain age, experience shows that many people, though having reached the canonical age, have insufficient appreciation of the issues involved and do not apprehend the meaning of that they propose to undertake* ***(Bruno,*** 30 ta’ Mejju 1986 **“Monitor Ecclesiasticus LXII”** (1987) 542/543).”

Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255** ma jaghtix definizzjoni ta’ x’inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif

sostniet il-Qorti f'din is-sentenza fuq riferita, dawn huma dawk l-elementi *"li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga, u cjoe', dik tal-unjoni permanenti, esklussiva, irrevokabbli, diretta ghall-komunjoni tal-hajja u prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied".*

Illi ghalhekk li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar"** (P.A. (RCP) 21 ta' Ottubru 1999 – Citaz. Nru.1564/97RCP) u **"Kevin Spiteri v Dr.Renzo Porsella Flores"** (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000- Citaz. Nru.2443/97RCP).

## ii) Apprezzament tal-Provi.

Illi fl-ewwel lok jinghad li permezz ta' rikors datat 19 ta' Novembru 2001, milqugh b'digriet moghti minn din il-Qorti kif presjeduta fl-20 ta' Novembru 2001, il-kawzali abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** gie rtirat mill-attur, u allura l-unika bazi li tahtha qed jintalab l-annullament taz-zwieg hija dik indikata taht l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi l-unika prova li ingabet f'dan ir-rigward huwa l-affidavit ta' l-attur, anke peress li l-konvenuta baqghet kontumaci, pero` abbazi tal-gurisprudenza nostrali, huwa obbligu ta' din il-Qorti li tara li abbazi tal-provi prodotti, l-attur jirnexxilu jipprova li fi grad mitlub mill-ligi, li hemm bazi ghal tali talba ghall-annullament taz-zwieg kemm fattwalment u kemm legalment.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li qabel sar iz-zwieg, ghalkemm il-partijiet damu johorgu flimkien ghal cirka hames (5) snin, qatt ma kienu tkellmu dwar zwieg, hlief meta l-konvenuta dahhlitha f'mohhha li jekk tizzewweg lill-attur, huma jkollhom opportunita` ikbar sabiex jiehdu

b'kera flat tal-Gvern li kien ser jigi vakat mill-kugin taghha Edwin Busuttil.

Illi fil-fatt minn mindu intebhet b'dan, il-preparamenti ghaz-zwieg saru bl-akbar ghagla bil-konsegwenza li fi ftit xhur gie rrangat kollox u l-partijiet izzewgu fis-7 ta' Dicembru 1991. Illi jidher ukoll li ghalkemm dak li nghad kienet ir-raguni principali ghaliex l-istess kontendenti dahlu ghal dan iz-zwieg, il-konvenuta ghazlet li tiehu dan il-pass ghaliex hija kienet iddejqet tahdem, tant li maz-zwieg, bla ebda konsultazzjoni ma' l-attur, waqfet mix-xoghol taghha.

Illi ma' dan kollu, mir-rakkont ta' l-istess attur, ma jidhirx li l-konvenuta kienet lesta sabiex taqdi d-dmirijiet u l-obbligi taghha fiz-zwieg, u dan mhux tant ghall-allegazzjoni da parti ta' l-attur, li l-istess konvenuta ma kenitx skond hu, taghmel il-bzonnijiet tad-dar, izda ghaliex ir-raguni ghaliex l-istess konvenuta dahlet ghaz-zwieg ma kenitx ibbazata fuq xi mhabba li kellha ghall-attur, u tant li jidher li bejn l-attur u l-konvenuta kien hemm nuqqas miz-zewg partijiet rispettivament li jkollhom relazzjoni interpersonali ma' xulxin.

Illi dan huwa kkonfermat mill-fatt, li mix-xhieda prodotta, jidher li mhux biss il-konvenuta, izda wkoll l-attur, kienu inkapaci fil-mument taz-zwieg li jiehdu d-decizjoni necessarja infurmata fuq ir-responsabbilitajiet u l-obbligi matrimonjali, b'dan li konsegwenza ta' l-istess jinghad li minhabba din il-mankanza apprezzattiva ta' kull parti, l-istess kontendenti ghandhom jigu kkunsidrati li ma kenux kapaci, fil-mument taz-zwieg, li jassumu tali obbligazzjonijiet u responsabbilitajiet, iktar u iktar meta relatati lejn xulxin.

Illi dan qed jigi ritenut ukoll fil-konfront ta' l-attur, peress li d-decizjoni li hadet il-konvenuta biex jizzewgu sabiex ma jitilfux ic-cans li jiehdu post tal-Gvern, giet assunta u accettata minnu, u dan fil-kaz tieghu huwa aktar gravi, peress li kien konxju ta' l-immaturita` tal-konvenuta, izda xejjen kollox sabiex isir tali akkwist minnhom.

Illi fl-opinjoni tal-Qorti, dan ma huwa xejn hlief zwieg ta' konvenjenza, peress li l-partijiet dahlu ghall-istess sabiex juzaw iz-zwieg bhala mezz sabiex jilhqu skopijiet ohra, li huwa hazin ghaliex iz-zwieg ghandu jkun u fil-fatt huwa ghan nobbli fih innifsu, li fil-fatt jiddetermina b'mod indossulibbli u permanenti, l-hajja ta' kull persuna li tidhol ghal tali relazzjoni legali; fuq kollox il-partijiet kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhux biss fin-nuqqas ta' gharfien teoritiku tad-drittijiet u obbligi ta' l-elementi essenzjali taz-zwieg bhal permanenza, fedelta` u prokreazzjoni, izda effettivament u fir-rejalta` taghhom kellhom nuqqas ta' dak li timplika *"a lifelong communion of love and life."*

Illi f'***Coram Brino*** 7 ta' Lulju 1995 (**Monitor Ecclesiasticus** 12/1996 pg 200) inghad li *"it is necessary, however, that those who contract marriage, have in their mind some projection into the future, which includes the conjugal bond and the duties following from it."* (***Nullitatis Matrimonii*** – **"Mifsud vs Vella Catalano"** – 11 ta' Ottubru 2002).

Illi fid-dawl tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, **tilqa` t-talba attrici b'dan illi**:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tas-7 ta' Dicembru 1991 fuq imsemmi huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan a tenur ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------